# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 840

KAZ NRU. 1067

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Victor Vella

u

Supermaster Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 6 ta' Gunju 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni giet riferita mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra datata 29 ta' Awissu, 1996 b'riferenza ME 4/95/175 III skond il-provvediment ta' l-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tilwima tikkonsisti fl-allegazzjoni, da parti tal-appellant li gie mkecci ingustament waqt li l-kumpanija ssostni li kien hemm ragunijiet validi ghal dik it-tkeccija u cioe':-

a) Attitudini arroganti mal-klijenti;
b) Naqas li jaqdi dmirijietu waqt il-hin tax-xoghol;
c) Approprijazzjoni ta' affarijiet ta' terzi persuni minn fuq il-post tax-xoghol;
d) Nuqqas ta' sottomissjoni ghas-superjuri diretti tieghu;
e) Rapport li kien qed ikun rieqed waqt id-*duty* ta' bil-lejl.

Jigi rilevat li dan it-Tribunal Industrijali dejjem sostna li jekk parti ma tiehux interess fil-kaz u, wara li tkun mwissija, tibqa inadempjenti, il-kaz jigi deciz fuq il-provi ezistenti.

Jinghad ukoll li t-Tribunal Industrijali huwa marbut, sa fejn ikun possibbli, li jaghti d-decizjoni tieghu fi zmien 15-il jum u dana mhabba t-tbatija li ssofri persuna mkeccija u mizmuma milli tirregistra jew taccetta xoghol iehor u ghalhekk tentattivi ingustifikati biex jitwalu l-proceduri jigu kkontrollati b'certa severita'.

Wara tentattiv mit-Tribunal biex jintlahaq ftehim, il-kaz thalla ghal seduta, f'data accettabbli ghaz-zewg partijiet, pero' la l-kumpanija u lanqas id-difensur taghha ma dehru u ghalhekk dik il-parti giet imwissija li jekk darba ohra ma tidhirx, tinghata decizjoni.

Fis-sitt seduta deher l-avukat Depasquale u talab differiment ghan-nom tad-difensur tal-kumpanija; peress li r-raguni ghal din it-talba ma kinitx valida, s-smigh gie differit b'ordni li tohrog ingunzjoni ghax-xhieda u  li fin-nuqqas ta' attendenza, il-kaz jigi deciz fuq il-provi eziztenti.

Fis-seduta li kien imiss rega' ma deher hadd u allura beda jixhed l-appellant biex tinghata decizjoni fuq il-provi eziztenti.

Meta l-appellant xehed dehru r-rapprezentanti tal-kumpanija u l-avukat Depasquale u dawna gew infurmati li l-kaz kien qed jigi differit ghat-23 ta' Mejju 1997 ghal finali trattazzjoni. Din kienet is-seduta tas-6 ta' Mejju 1997.

Peress li anke f'dik is-seduta r-rapprezentanti regghu ma dehrux u talba ghas-smigh taghhom giet michuda, it-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Dwar l-akkuzi, kif elenkati fid-dikjarazzjoni tal-kaz, jinghad :-

a) Naqas li jaqdi dmirijietu waqt li jkun fuq ix-xoghol ta' bil-lejl.

Il-kumpanija allegat li bil-lejl, bejn id-9 u l-10 ta' Lulju, 1996 *freezers* u *chillers* immarkaw temperatura gholja u li l-appellant ma hax passi u kkaguna hsara ta' xi Lm300.

Mid-dokumenti ezibiti mill-kumpanija jidher li l-appellant dahal ghax-xoghol fid-9 ta' Lulju 1996 fil-hin ta' 1900 biex jahdem sal-0700 tal-10 ta' Lulju 1996. Naturalment qablu kien hemm haddiehor.

Fin-nota nru. 12 jinghad li kien gie msejjah bniedem biex jara il-freezers 9 u 10. Fin-nota nru. 14 jinghad li l-inginier kien iddawwar u fin-nota nru. 16 jinghad li l-appellant dahal ghax-xoghol. Ghalhekk indizju ta' hsara nghata matul id-9 ta' Lulju 1996 pero' qabel ma dahal ghax-xoghol l-appellant. Fil-pagna ta' wara, intestata 9 ta' Lulju, fin-nota nru. 16 jinghad li l-inginier kien mar pero' kellu jerga' jmur jikkontrolla u gie rilevat b'certu enfasi li anke *c-chillers* 21 u 22 kellhom jigu spezzjonati u, jekk l-inginier idum ma jmur, kellhom icemplulu. Din in-nota saret wara n-nota nru. 15 li turi li kienu ghaddew il-5 ta' filghodu tal-10 ta' Lulju 1996.

Id-dokument li juri t-temperaturi tal-*freezers* juri li kienu jsiru 8 verifiki fi 12-il siegha. It-tielet verifika saret fil-hin 1925 u allura l-ewwel tnejn kienu saru minn xi hadd iehor ghax l-appellant dahal ghax-xoghol fil-hin 1900. Anke il-kaligrafija tidher differenti fejn hemm il-numru 2 u n-numru 7. Peress li l-ahhar verifika saret fil-hin 0630, in-

notamenti li l-*freezer* u c-*chillers* kellhom jigu ezaminati bilfors saru mill-appellant.

Ghaldaqstant it-Tribunal hu konvint bil-provi li ngabu li din l-akkuza ma kinitx gusta.

It-tieni akkuza li kienu osfru oggetti ma gietx ippruvata ghaliex irrizulta li dejjem kien hemm *overlapping* ta’ zewg security officers u ma ngabet ebda prova li l-kolpevoli kien l-appellant.

It-tielet akkuza dwar in-nuccali hija ta’ mportanza zghira u ghalkemm l-appellant zbalja anke bl-uzu temporanju tan-nuccali, t-Tribunal ma jhossx li tiggustifika jew li setghet tikkontribwixxi ma’ fatturi ohra, kaz ta’ tkeccija.

Ir-raba’ kaz dwar problemi inutili lanqas ma gie sostanzjat u l-allegazzjoni li sar difficli meta Mr Green gie appuntat ma gietx konfermata mill-istess Green li qal li apparti xi diffikultajiet dwar il-formazzjoni tar-roster l-appellant ma ikkreja ebda diffikulta ohra.

Il-hames akkuza li raqad waqt il-hin tax-xoghol kienet serja.
L-appellant cahad din l-akkuza pero’ x-xhud Ronayne baqa’ jsostniha u qal li wara li l-appellant urieh id-duties mill-1900 sal-0130 dahal jorqod.

Qal ukoll li kellu sveljarin u li dan daqq f’xi 0500 preciz meta gew tal-Group 4 li suppost kellhom jghaddu kull saghtejn pero’ gew fil-0500 biss u riedu firma li turi li kienu gew regolarment bil-lejl. Din hija implikazzjoni li dak li gara dakinhar kien isir qabel ukoll pero’ ebda parti ma gabet provi fuqha jew ippruvat twaqqa’ din l-implikazzjoni hekk serja.

Jinghad ukoll li l-appellant kien jinsisti li ghassa kellhom ikunu tnejn pero’ il-management ikkunsidra wiehed biz-zejjed u

ghalhekk lanqas ma jista’ jinghad li kienet sejra taqa’ d-dinja billi wara sitt sieghat *training,* l-appellant halla lill-impjegat gdid wahdu u dahal jimtedd imma baqa’ fl-istabbiliment. Jibqa’ fatt pero’ li l-appellant zbalja anke f’din l-okkazzjoni.

Is-sitt akkuza dwar l-agir tal-appellant fil-konfront mal-klijenti ghandu zewg aspetti. Kien hemm l-ordni dwar x’ma kienux permessi jaghmlu l-klijenti imma minn naha l-ohra kien hemm il-htiega, li ma kienet tirrikjedi ebda direttiva, li kontroll isir bl-akbar *privacy* biex il-klijenti l-ohra ma jitnaffrux  u ghalhekk anke hawn l-appellant zbalja.

It-Tribunal innota li d-direzzjonijiet li dejjem ta t-Tribunal Industrijali li tkeccija kellha tkun l-ahhar pass wara li l-impjegati jigu mwissija ma kienux gew osservati u fil-fatt ebda *warning* ma kien nghata minkejja l-gravita’ ta’ certi nuqqasijiet; minn naha l-ohra kien hemm zbalji ta’ l-appellant izda mehud kollox ma kollox it-tkeccija ma titqiesx li kienet gustifikata.

In vista tan-natura tax-xoghol ta’ *Security Officer*, li tirrikjedi fiducja shiha t-Tribunal ma jhossx li l-appellant ghandu jigi moghti lura l-impjieg.

Meta gie biex jiffissa l-kumpens it-Tribunal ha in konsiderazzjoni li fl-attivita’ ta’ *Security Officer*, l-eta’ mhux zghira hija ta’ vantagg mhabba l-esperjenza u dana kuntrarju ghal kazijiet ohra fejn persuna ta’ certa eta’ issib diffikulta’ biex issib xoghol.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti, t-Tribunal qed jiffissa l-kumpens ghas-somma ta’ elf lira maltija li ghandha tithallas fi tlett somom - Lm200 sat-13 ta’ Gunju 1997 u zewg pagamenti ta’ Lm400-il wahda sat-28 ta’ Gunju, 1997 u 12 ta’ Lulju, 1997 b’dan pero’ li jekk pagament wiehed ma jsirx sad-

data preskritta, l-bilanc kollu li jkun baqa’ jithallas isir dovut fl-istess data tan-nuqqas ta’ hlas.

Ghall-finijiet tal-A.L. 48 qed jigi ntaxxad id-dritt ta’ Lm40 ghaz-zewg difensuri tal-partijiet.

B’hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

------------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

------------------
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg